# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2020.**

**Numru 9**

**Appell Kostituzzjonali Numru 92/2014/1SM**

**Josephine Azzopardi f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-imsiefra Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis; u b'dikriet tal-4 ta' Awwissu 2016 il-kawża tkompliet f'isem Anna Maria Saddemi weħedha**

***v.***

**L-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Kultura, l-Ġustizzja u l-Gvern Lokali, l-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, u Margot Debono Portanier**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed tal-attriċi Patricia Anastasi u l-ieħor tal-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostit-

uzzjonali fit-13 ta' Novembru 2018 li sabet ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] (għalkemm ma sabitx ksur ta' disposizzjonijiet oħra invokati mill-attriċi) u tat rimedju għal dak il-ksur. L-Avukat tal-Istat appella mir-rimedju u mid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji, u l-attriċi appellat mir-rimedju, għalkemm għal raġunijiet differenti. Ma sarx appell mis-sejbien ta' ksur ta' drittijiet tal-attriċi u lanqas minn dik il-parti tas-sentenza fejn ma nstabx ksur.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attriċi flimkien ma' oħrajn awturi tagħha kienet sub-direttarja (u llum hija direttarja) ta' immobbli li kien f'idejn il-konvenuta Debono Portanier bħala sub-utilista. It-titolu ta' sub-enfitewsi li kellha Debono Portanier intemm fit-13 ta' Ġunju 2002 iżda Debono Portanier baqgħet toqgħod fil-fond. L-attriċi u l-awturi tagħha sejħu lil Debono Portanier b'ittra ġudizzjarja tal-20 ta' Ġunju 2006 biex troddilhom il-fond għax dehrilhom li ma kellhiex titolu biex tibqa' żżommu, iżda għalxejn. Imbagħad, bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2007 iddaħħal l-art. 12A fl-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"] li jagħti l-jedd lill-*ex*-enfitewta jew *ex*-sub-enfitewta li jżomm il-fond b'titolu ta' kiri mingħand l-*ex*-direttarju jew *ex*-sub-direttarju "bl-istess kera u taħt l-istess kondizzjonijiet applikabbli skont l-artikolu 12(2)(i), (ia) u (ii) li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*".

3. Billi lill-attriċi u lill-awturi tagħha dehrilhom li dan kien bi ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll (u wkoll taħt dispos-izzjonijiet oħra li jħarsu d-drittijiet fondamentali), fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»(i) tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġew vjolati d-drittijiet tal-esponenti għall-proprjetà … u dan kif protetti kemm bl-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament, u konsegwentement

»(ii) tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi inkluż jekk ikun hemm il-ħtieġa li tiġi dikjarata nulla jew inapplikabbli fil-każ u in eżami l-liġi, inkluż l-art. 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta *in parte* jew *in toto*, u konsegwentement l-iżgumbrament tal-intimata Margot Debono Portanier mill-appartament inkwistjoni jew li l-istess intimata Margot Debono Portanier jew l-aventi kawża tagħha ma jistgħux jagħmlu użu u / jew jieħu ebda benefiċċju mill-istess artikolu surreferit 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u / jew billi tillikwida dak il-kumpens jew *just satisfaction* dovut lill-esponenti dan b'riżerva għal-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti minnhom bħala konsegwenza ta' dan jekk ikun il-każ.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-ewwel qorti, wara li ħelset lill-Prim'Ministru u lilll-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali mill-ħarsien tal-ġudizzju, u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, qatgħet il-kawża hekk:

»… … …

»takkolji limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti … u tiddikjara li l-istess rikorrenti …soffriet leżjoni tal-ewwel artiklu mal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u konsegwentement ukoll tiddikjara lill-artiklu 12A tal-Kap 158 ma jistax jiġi applikat fil-konfront tagħha;

»takkolji t-talba tar-rikorrenti … għall-iżgumbrament tal-intimata Debono Portanier;

»tordna għalhekk l-iżgumbrament tal-intimata Margot Debono Portanier mill-appartament … … …;

»takkolji t-talbiet l-oħra tar-rikorrenti proprio et nomine;

»tikkundanna lill-intimat Avukat Ġenerali biex iħallas lir-rikorrenti proprio et nomine is-somma ta' €15,000.00 bħala danni pekunjarji;

»tikkundanna wkoll lill-istess intimat Avukat Ġenerali biex iħallas lir-rikorrenti … s-somma ta' €5,000.00 bħala danni morali;

»illi finalment, il-kumplament tal-ispejjeż ta' din il-proċedura jinqasmu bejn l-intimat Avukat Ġenerali u l-intimata Debono Portanier, fejn tal-ewwel jagħmel tajjeb għall-żewġ terzi (⅔) mill-istess spejjeż rimanenti u tal-aħħar tagħmel tajjeb għat-terz (1/3) rimanenti.«

5. Sabiex tfisser ir-raġunijiet li wassluha għal din id-deċiżjoni l-ewwel qorti għamlet referenza għas-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet <u>Josephine Azzopardi *et v.* Prim Ministru et</u>, rikors kostituzzjonali numru 76/2014, mogħtija dakinhar stess li ngħatat is-sentenza appellata, billi dehrilha illi l-konsiderazzjonijiet li jgħoddu għaż-żewġ każijiet huma l-istess. Ir-raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza, safejn rilevanti għall-appelli fil-kawża tallum, kienu mfissra hekk:

»Illi permezz tal-proċedura in diżamina r-rikorrenti qed jittantaw iwaqqgħu l-liġi li permezz tagħha l-intimati qed jokkupaw l-appartament in diżamina, u konsegwentement qed jitolbu wkoll:

»• illi l-appartament in kwistjoni jiġi ritornat lura għandhom;

»• illi jingħataw ukoll kumpens *in vis*ta tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom;

»… … …

»Ikkunsidrat:

«illi fir-rigward tal-kera li r-rikorrenti kellha dritt għaliha b'riżultat tal-applikazzjoni tal-artiklu 12A tal-Kap 158, jingħad li din hi verament baxxa meta paragunata mal-kera li l-istess appartament jista' jġib fis-suq ħieles;

»illi jiġi osservat ukoll li l-qagħda ekonomika tal-pajjiż illum hi ferm differenti minn dik li kienet fl-1979 meta oriġinarjament ġew introdotti l-emendi tal-Kap 158;

»illi *in linea* ma dawk l-emendi inkwilin li kien jikkwalifika fil-parametri hemm stipulati kellhu d-dritt ta' kirja wara li tiskadi l-konċessjoni enfitewtika temporanja li jkollu;

»illi fir-rigward sussegwentement il-kera tiżdied kull ħmistax-il sena;

»illi jingħad ukoll li f'dawk iċ-ċirkostanzi s-sid ma kellu l-ebda dritt jiddeċiedi xejn fir-rigward *stante* li l-awment kien wieħed awtomatiku kif stabbilit statutorjament;

»illi *di più* s-sid tqiegħed ukoll fil-posizzjoni żvantaggjata li lanqas biss seta' jkun jaf meta kien ser ikun jista' jirkupra l-proprjetà tiegħu;

»… … …

»illi għalhekk il-qorti odjerna hi tal-fehma li l-piż li s-sid … qed tintalab li ġġorr hu wieħed eċċessiv u sproporzjonat, u konsegwentement jikser l-ewwel artiklu tal-Ewwel Protokoll fuq ċitat mill-istess rikorrenti;

»Ikkunsidrat:

»Fir-rigward tal-intimati …:

»illi din il-qorti … tqis li fi proċedura ta' natura kostituzzjonali hu l-istat li għandu jġorr ir-responsabbilità għall-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-parti leża;

»illi minkejja s-suespost, in-natura tar-rimedju mitlub mir-rikorrenti … jista' jwassal għat-tnissil ta' interess ġuridiku f'terzi persuni privati li potenzjalment jiġu affettwati b'tali rimedji jekk il-każ kostituzzjonali sollevat ikollu eżitu favorevoli għar-rikorrenti;

»illi jirrizulta li dan hu proprju l-każ fil-proċedura odjerna fejn it-tieni talba tar-rikorrenti għal rimedju għall-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali jolqot direttament lil dawn l-intimati peress li r-rikorrenti … qed titlob fost l-oħrajn l-iżgumbrament tal-intimati … mill-appartament in dizamina, jew li l-istess intimati jew l-aventi kawza tagħhom ma jibqgħux jagħmlu użu u/jew jieħdu benefiċċju mill-istess artiklu fuq riferit – l-artiklu 12A tal-Kap 158;

»illi *in vista* tal-premess għandu jkun paċifiku li l-intimati … għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ biex ikunu parti f'din il-proċedura u jiddefendu l-posizzjoni tagħhom fir-rigward;

»illi konsegwentement għandhom jiġu respinti r-risposti kollha tal-intimati …;

»Ikkunsidrat:

»Rimedju:

»illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>Josephine Azzopardi *et v.* Onorevoli Prim Ministru *et*</u>, datata l-25 t'April, 2018, li f'dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

> »"Tgħid sew ir-rikorrenti illi l-likwidazzjoni tal-kumpens għandha timmira lejn *resitutio in integrum* biex ir-rimedju jkun sħiħ u effettiv, u għal dan il-għan għandhom jingħataw kemm danni pekunjarji kif ukoll danni non-pekunjarji;
>
> »"Madankollu hu minnu wkoll illi l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll ma jiggarantix illi, meta liġi tkun saret biex taqdi ħtieġa soċjali għall-kontroll tal-użu tal-proprjetà, is-sid għandu jkollu dħul mill-proprjetà daqskemm jirrendi s-suq ħieles";

»illi l-istess Qorti Kostituzzjonali indikata fil-paragrafu preċedenti, għamlet ukoll elenku tal-fatturi relevanti li għanhdom jittieħdu in konsiderazzjoni għal likwidazzjoni ta' kumpens xieraq, u a skans ta' ripetizzjoni inutili u dilungar bla bżonn din il-qorti tirreferi għall-istess u tagħmilhom tagħha;

»illi applikati l-istess fatturi għall-każ odjern, u wara li qieset iċ- ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-qorti hi tal-fehma li l-kumpens ta' ħamest elef euro (€5,000.00) bħala danni morali għandu jkun xieraq u sufficjenti;

> »illi *di più* din il-qorti tħoss ukoll li bħala kumpens għal danni pekunjarji soffert mir-rikorrenti … l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000.00) għandu wkoll ikun xieraq u suffiċjenti.«

6. L-attriċi appellat b'rikors tat-22 ta' Novembru 2018 li għalih l-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, wieġeb, b'appell inċidentali, fit-28 ta' Novembru 2018 u l-konvenuta Margot Debono Portanier wieġbet fil-21 ta' Ottubru 2019. L-attiċi wieġbet għall-appell inċidentali fl-20 ta' Diċembru 2018.

7. Ma sar ebda appell mill-konvenuta Debono Portanier u wkoll ma sar ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti sabet ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Is-sentenza appellata għalhekk issa hija *res judicata* fejn sabet ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll iżda mhux ukoll ksur ta' disposizzjonijiet oħra, u hija wkoll *res iudicata* fejn tolqot lill-konvenuta Debono Portanier.

8. Nibdew bl-appell tal-attriċi li tgħid illi l-kumpens li tatha l-ewwel qorti huwa ftit wisq u li jistħoqqilha kumpens ogħla. Dwar danni materjali tgħid illi l-kumpens mogħti ma jqegħedhiex fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha li kieku l-ksur tad-drittijiet tagħha ma seħħx: ma ngħatatx *restitutio in integrum*. Tippretendi li tingħata kumpens għal danni materjali maħdum fuq il-valur lokatizju tal-post b'seħħ minn meta għalaq iċ-ċens fl-2002.

9. L-Avukat tal-Istat wieġeb illi "ma għandux jiġi meqjus il-kriterju tad-differenza bejn il-valur tal-fond vojt u l-valur tal-fond mikri" għax "fil-każijiet li jmissu ma' miżuri leġittimi fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali, maħsuba sewwasew biex tiġi mkattra l-ġustizzja soċjo-

ekonomika, il-kumpens li għandu jiġi mogħti lis-sidien minħabba din l-interferenza għandu jkun anqas mill-kumpens sħiħ li seta' kien dovut kieku wieħed kellu jistrieħ fuq l-indikaturi tas-suq liberu". Igħid ukoll illi l-kumpens mogħti mill-ewwel qorti jaqbel sew ma' dak mogħti f'każijiet oħra li jixxiebhu.

10. Il-qorti tibda billi tgħid illi ma taqbilx mal-attriċi illi l-kumpens għandu jinħadem b'seħħ mill-2002. Fiż-żmien bejn l-2002 u l-2007, meta daħal fis-seħħ l-art. 12A tal-Kap, 158, l-attriċi u l-awturi tagħha setgħu fittxew li jiżgumbraw lill-konvenuta Debono Portanier mill-fond in kwistjoni mingħajr l-ostakolu tal-art. 12A u għalhekk, jekk tilfu xi kera għal dak iż-żmien, dan ma kienx b'konsegwenza tal-art. 12A li ma kienx għadu daħal fis-seħħ iżda b'konsegwenza tad-deċiżjoni tagħhom li ma jfittxux l-iżgumbrament qabel l-2007[1]. Għalhekk ma hu mistħoqq ebda kumpens għal dan il-perijodu.

11. Din il-qorti lanqas ma taqbel mal-attriċi meta din tgħid illi t-telf li attwalment ġarrbet minħabba d-dħul fis-seħħ tal-art. 12A "joqrob is-somma ta' mija u tmienja u tletin elf, mitejn u erbgħin euro (€138,240) sa Awissu 2018 meta daħal fis-seħħ l-art. 12B [*sc.* tal-Kap. 158] (€8,640 $\times$ 16)". Għalkemm huwa minnu il-valur lokatizju tal-appartment tal-attriċi ġie stmat fl-ammont ta' tmint elef, sitt mija u erbgħin euro (€8,640) fis-sena, dan il-valur huwa biss minn Ġunju 2016 sa meta nqatgħet il-kawża mill-ewwel qorti fis-sena 2018 u mhux ukoll għas-snin ta'qabel, *i.e.* mill-2007 sal-2016. Barra minn

1 Ara *e.g.* <u>Josephine Azzopardi *et v.* Prim'Ministru *et*</u> (rik. 75/2014), Q. Kost. 25 ta' April 2018, para. 25.

hekk, kif ingħad fil-paragrafu ta' qabel dan, il-kumpens irid jiġi kkalkulat fuq ħdax-il sena *i.e.* mis-sena 2007 sas-sena 2018, u mhux fuq sittax-il sena kif targumenta l-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha.

12. Fil-fehma ta' din il-qorti d-danni li setgħet ġarrbet l-attriċi minħabba d-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12A, mingħajr ma jitqiesu fatturi oħra (li sejrin jissemmew aktar 'il quddiem), jammontaw għal madwar wieħed u ħamsin elf u mitejn euro (€51,200). Billi ma tressqitx xiehda tal-valur lokatizju fiż-żmien qabel l-2016, din il-qorti kellha bilfors tistrieħ fuq ir-rapport tal-Perit Paul Buhagiar sabiex tiddetermina l-valur lokatizju tal-fond bejn l-2007 sal-2016. Il-Perit Buhagiar xehed[2] illi l-valur lokatizju tal-fond minn Ġunju tal-2007 'l hemm kien dak ta' tliet elef, seba' mija u ħmistax-il euro (€3,715) fis-sena waqt li l-valur minn Ġunju tas-sena 2015 sa Ġunju tas-sena 2016 kien ta' erbat elef u mitejn euro (€4,200) fis-sena. Imbagħad toqgħod fuq ir-relazzjoni tal-perit tekniku M'Louise Caruana Galea dwar il-valur lokatizju tal-fond f'Ġunju tas-sena 2016, li kien tmint elef, sitt mija u erbgħin euro (€8,640) fis-sena.

13. Minn dan kollu jirriżulta illi l-ammont ta' kera li setgħet tilfet l-attriċi likieku l-artikolu 12A ma daħalx fis-seħħ kien madwar wieħed u ħamsin elf u mitejn euro (€51,200)[3], dejjem jekk tassumi illi kienet sejra ssib tikri l-fond b'dak il-kera għaż-żmien kollu relevanti u ma kellhiex tagħmel spejjeż ta' tiswijiet u manutenzjoni.

---

2 *Fol.* 141.

3 €29,720 (€3,715 × 8) bejn l-2007 u l-2015; €4,200 fis-sena 2015-2016; €17,280 (€8,640 × 2) minn Ġunju 2016 sal-2018: €29,720 + €4,200 + €17,280 = €51,200.

14. Biex jiġi likwidat kumpens li jkun kemm xieraq u biżżejjed u wkoll realistiku, għandhom jitqiesu wkoll dawn il-fatturi:

    i. l-iskop leġittimu tad-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12A;

    ii. il-fatt li, meta tintwera ħtieġa soċjali għall-kontroll tal-użu tal-proprjetà, hemm raġuni valida għala d-dħul mill-proprjetà ma jkunx daqskemm jirrendi s-suq ħieles;

    iii. il-fatt illi l-kera fis-suq m'huwiex bilfors tant fil-mija tal-valur kapitali, kif jaħdmuh il-periti, iżda kemm issib lil min hu kapaċi u dispost li joffri daqshekk;

    iv. il-fatt illi, meta sid ta' proprjetà jikri taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158, huwa jinħeles minn ċerti obbligazzjonijiet, bħal ma hija l-obbligazzjoni ta' tiswijiet, li normalment jintrefgħu minn sid-il-kera u li jistgħu jkunu ta' piż mhux traskurabbli;

    v. il-fatt illi l-kera taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 158 tal-jiżdied kull tliet snin;

    vi. iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom ir-rimedju tal-iżgumbra-ment mogħti mill-ewwel qorti;

    vii. l-istat ta' inċertezza li l-attriċi ilha fih għal snin sħaħ dwar meta tista' tieħu lura l-pussess ta' ħwejjiġha;

    viii. it-tul ta' żmien li matulu l-attriċi u l-awturi tagħha ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom;

    ix. il-kumpens mogħti minn din il-qorti u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'każijiet bħal dan.

15. Wara li qieset dan kollu, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-kumpens mogħti huwa tajjeb u biżżejjed.

16. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat. L-ewwel aggravju jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tordna l-iżgumbrament tal-konvenuta l-oħra.

17. Ir-rimedju tal-iżgumbrament ma jolqotx lill-Avukat tal-Istat; jolqot biss lill-konvenuta l-oħra li, iżda, ma appellatx. Għalhekk, ukoll jekk jintlaqa' dan l-aggravju tal-Avukat tal-Istat, ma jinbidel xejn mid-dritt tal-attriċi li tesegwixxi s-sentenza safejn tolqot lill-konvenuta l-oħra (bla ħsara għal dak li jgħid, issa, l-art. 12B tal-Kap. 158), u jkun għalxejn li din il-qorti tkompli tqis dan l-aggravju. Għalhekk ma hijiex sejra tqisu aktar.

18. L-aggravju l-ieħor tal-Avukat tal-Istat jolqot l-ispejjeż tal-kawża. Igħid illi, peress illi kien hemm talbiet tal-attriċi li ma ntlaqgħux, l-ewwel qorti ma kellhiex tordna li l-ispejjeż jinqasmu bejnu kwantu għal żewġ ishma minn tlieta (⅔) u l-konvenuta Debono Portanier kwantu għas-sehem l-ieħor minn tlieta ($^1/_3$).

19. L-attriċi kienet talbet dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tagħha mhux biss għat-tgawdija ta' ħwejjiġha – talba li ntlaqgħet – iżda wkoll għal smigħ xieraq u ħarsien minn diskriminazzjoni, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropea; dawn it-talbiet ma ntlaqgħux. Huwa minnu illi l-ewwel qorti ma qisitx dan meta ġiet biex tiddeċiedi dwar l-ispejjeż, u għalhekk jixraq illi dan l-aggravju jintlaqa'. Huwa minnu wkoll illi ma kellhiex tikkundanna lill-konvenuta

Debono Portanier tħallas sehem mill-ispejjeż, iżda dwar dan ma sar ebda appell. L-ispejjeż tal-konvenuti li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju wkoll, strettament, kellha tħallashom l-attriċi.

20. L-art. 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi l-qorti tista' tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha meta kull waħda tkun telliefa f'xi punt tal-kawża. Fiċ-ċirkostanzi, billi s-sehem li għandu jitħallas mill-konvenuta Debono Portanier ma jistax jinbidel, il-qorti sejra tordna li l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu billi kull parti – l-attriċi, l-Avukat tal-Istat u l-konvenuta Debono Portanier – tħallas sehem wieħed minn tlieta ($^{1}/_{3}$) kull waħda.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-attriċi; ma tqisx l-aggravju tal-appell inċidentali relativ għar-rimedju ta' żgumbrament, u tilqa' dak relativ għall-ispejjeż. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-jedd tal-attriċi mħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll;

    ii. tikkonfermaha fejn ma sabitx ksur tal-jeddijiet l-oħra invokati mill-attriċi;

    iii. tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas lill-attriċi kumpens ta' għoxrin elf euro (€20,000) bħala danni materjali u morali;

    iv. tikkonfermaha – għax ma sarx appell dwar hekk mill-parti interessata – fejn ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuta Debono Portanier;

v. tħassarha fejn ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas żewġ ishma minn tlieta (⅔) tal-ispejjeż tal-ewwel grad u tordna, minflok, illi l-Avukat tal-Istat u l-attriċi jħallsu sehem wieħed minn tlieta (1/3) kull wieħed u waħda;

vi. tikkonfermaha – għax ma sarx appell dwar hekk mill-parti interessata – fejn ikkundannat lill-konvenuta Debono Portanier tħallas is-sehem l-ieħor minn tlieta (1/3).

22. L-ispejjeż tal-appell tal-attriċi tħallashom l-attriċi; l-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat jinqasmu bin-nofs (½) bejn l-attriċi u l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr